**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Jannarn 2020**

**Avviz nru: 134/2015 MLF**

**SBL International Travel Group Ltd**

**Vs**

**Zik International Travel Group Ltd.**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet lis-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef sitt mija u tmintax-il euro u hamsin centezmu (€3618.50), oltre l-interessi sad-data effettiva tal-hlas, liema ammont hu rapprezentanti hlas ta' bilanc ta' prezz in konnessjoni ma' servizzi resi da parti tas-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimata u fuq struzzjonijiet taghha.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva u cioe il-15 ta' Gunju 2012 kontra s-socjeta konvenuta.

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2020 is-socjeta konvenuta la dehret u lanqas ipprezentat risposta ghalkemm kienet debitament notifikata ai termini tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea Numru 1348/2000 dwar notifiki ta' dokumenti u atti gudizzjarji fi stati membri tal-Unjoni Ewropea.

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2020 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta konvenuta.

Rat li fis-seduta tal-lum is-socjeta konvenuta imsejjha tlett darbiet naqset li tidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-talba tas-socjeta attrici tirrizulta gustifikata.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef sitt mija u tmintax-il euro u hamsin centezmu (€3618.50), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva u cioe il-15 ta' Gunju 2012 kontra s-socjeta konvenuta.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**